

## **P7\_TA(2010)0423**

### **L-użu ta' speċijiet aljeni u li ma jinstabux lokalment fl-akkwakultura \*\*\*I**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 708/2007 dwar l-użu ta' speċijiet aljeni u li ma jinstabux lokalment fl-akkwakultura (COM(2009)0541 – C7-0272/2009 – 2009/0153(COD))**

**(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2009)0541) u l-proposta emendata lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2010)0393),
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 37 u 299(2) tat-Trattat KE, skont liema artikoli ġie kkonsultat mill-Kunsill dwar il-proposta tal-bidu (C7-0272/2009),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema Artikoli il-Kummissjoni ippreżentat il-proposta emendata lill-Parlament,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-bażi legali proposta,
  - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill b'itra tat-12 ta' Novembru 2010 li l-pożizzjoni tal-Parlament tiġi approvata, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-17 ta' Marzu 2010 u tal-21 ta' Ottubru 2010<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 u 37 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A7-0184/2010),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari kif stabbilita hawn taħt;
  2. Jenfasizza l-fatt li l-proposta emendata tal-Kummissjoni tinkorpora l-parti l-kbira tal-emendi adottati mill-Kumitat għas-Sajd fit-2 ta' Ġunju 2010;
  3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
  4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

<sup>1</sup> Għadhom mhumiex ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali.

**P7\_TC1-COD(2009)0153**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-23 ta' Novembru 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru .../2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 708/2007 dwar l-użu ta' speċi aljeni u li ma jinstabux lokalment fl-akkwakultura**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 304/2011.)*